

# L-Iskultur Senglean Vincenzo Bonnici

MINN NADINE DEBATTISTA BRIFFA
M.A., B.A. (HONS.), ART.

Vincenzo Bonnici (1821-1865) twieled u għex l-Isla. Għażel l-iskultura fl-injam bħala s-sengħa artistika tiegħu. Fi żmienu kien meqjus bħala artist prestiġjuż u xogħlu kien imfaħħar qatigħ. Id-destin ried li dan l-iskultur imut f'qasir il-għomor fil-quċċata tal-karriera artistika tiegħu. Peress li nistgħu ngawdu biss għadd żgħir ta' xogħlijiet ta' dan l-artist, il-popolarità tiegħu bdiet tnin maż-żmien. Ħadem xogħlijiet kemm fuq vena mitoloġika u pagana[1] kif ukoll skulturi oħrajn sagri f'xi knejjes tal-Kottonera. Vincenzo Bonnici kien artist versatili u ħa sehem f'espożizzjonijiet f'Malta u f'pajjiżi oħra madwar l-Ewropa, b'mod speċjali fl-Italja.[2] Fil-familja tiegħu nsibu ħafna personalitajiet artistiċi, ilkoll ulied l-Isla. Insemmu lill-pitturi Giuseppe Bonnici[3] u Francesco Bonnici u l-iskultur Tusello Bonnici, kif ukoll iben Vincenzo, Aristide Bonnici (1851-1888) li kien disinjatur tal-artifatti ekkleżjastiċi.

## IBEN L-ISLA

Vincenzo Bonnici twieled fl-20 ta' Marzu tal-1821 minn Ewfemja Gabrili (Gabriele) u Ġakkinu Bonnici f'dar kbira fi Triq il-Vitorja fl-Isla.[4] F'din id-dar, li kienet iġġib minn numru 206 sal-208,[5] baqa' jgħix fiha sakemm kien għadu ġuvni.[6] Fil-5 ta' Novembru 1850, ta' disgħa u għoxrin sena, Vincenzo Bonnici iżżewweġ lil Anna Le Brun bint Francesco u Ferdinanda Le Brun li kienu kuġini primi[7]. Żewwiġhom Dun Pawl Le Brun fil-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu, il-Belt Valletta.[8] Il-koppja marret toqgħod ftit bibien 'il bogħod fl-istess triq fejn twieled Vincenzo, f'numru 165.[9]

Minn dan iż-żwieġ twieldu tmien ulied. Id-destin kien kiefer wisq ma' din il-koppja u ried li l-ewwel wild biss jgħix, Aristide,[10] filwaqt li s-sebgħa ħutu l-oħra mietu kollha meta kienu għadhom ħalib ommhom fi snienhom.[11] Aristide mexa fuq il-passi artistiċi ta' missieru u bl-arti kien jikseb ħobżu ta' kuljum. Min-naħa l-oħra x-xorti daħkitlu lil Aristide u kellu sitt subien fejn il-kbir semmieh propju Vincenzo, wara missieru.[12]

Mad-dar tiegħu Vincenzo Bonnici kellu l-istudju minn fejn ħarġu l-opri artistiċi ta' dan l-iskultur Senglean. Fil-bidu tal-karriera artistika tiegħu kien ikkummissjonat b'ammont vast ta' puleni skulturati fl-injam. Mhux magħruf taħt idejn min kien Vincenzo Bonnici bħala apprentista. Bonnici qatt ma tgħallem l-iskultura b'mod akkademiku fl-Iskola tal-Arti imma kien jesperimenta waħdu mill-età tenera ta' tmintax.[13] Madanakollu, it-tifħir li gawda fi żmienu min-nies professjonali, jindika l-apprezzament kbir lejn l-arti tiegħu.

## SKULTUR TAL-PULENI

Il-puleni li Vincenzo Bonnici kien inaqqax fl-injam kienu jiġu ngastati mat-taljamar tal-bastimenti merkantili sorġuti fl-Isla. Kienu żminijiet meta fil-mollijiet tal-Isla li kienu jħarsu lejn Kordin, kien hemm kummerċ kbir fl-industrija tal-bini tal-bastimenti tal-qlugħ.[14] Din l-industrija kienet rat il-bidu tagħha meta

---

1 L-informazzjoni hija bbażata fuq, N. Briffa, *Giuseppe Bonnici- A Critical Appreciation and an Annotated Gazetteer of his Works and an Appendix on Aristide Bonnici*, teżi tal-B.A. (Hons.) mhux ippubblikata u ppreżentata lill-Programm tal-Istorja tal-Arti, Fakultà tal-Arti fl-Università ta' Malta, 2002, u fuq, N. Debattista Briffa, 'Aristide Bonnici (1851-1888), Discoveries and Clarifications,' f'*Treasures of Malta*, No. 51, Summer 2011.
L'Arte No. 67, 22-08-1865, p. 4.

2 Ivo Muscat Azzopardi, "Maltin Magħrufa", *The Critic*, 1858, p. 7.

3 Għal iżjed informazzjoni dwar Giuseppe Bonnici, *supra*; N. Briffa, *Giuseppe Bonnici a Critical Appreciation and an Annoted Gazetteer of his Works and an Appendix on Aristide Bonnici.*

4 Arkivji Parrokkjali tal-Isla, *Liber Baptizatorum*, Vol. VIII, p. 90; A. Bonnici, *L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilika-Santwarju ta' Marija Bambina*, Vol 3, Malta 1986, p.111; "Arti, Skultura, Tbaħħir, Lokalitajiet, Personalitajiet - Artisti Maltin Sengleani," f'*Il-Mument*, 7 ta' Frar 1999.

5 Arkivji Parrokkjli tal-Isla, 1846, *Via Vittoria*, *ibid*; A. Bonnici p. 111.

6 Reġistri Pubbliċi Valletta, *Deaths*, 3350/65, *ibid*; A. Bonnici p. 111.

7 Arkivji Porto Salvo San Duminku, Valletta, *Liber Matrimoniarum*, Vol. B 20, p. 428; informazzjoni mogħtija ġentilment minn Fabian Mangion, 2015.

8 *Ibid;*

9 *supra;* f'*Il-Mument*, 7 ta' Frar 1999.

10 *L'Arte* No. 67, 22-08-1865 p. 2. Għal iżjed informazzjoni dwar Aristide Bonnici, *supra;* N. Briffa, teżi B.A.(Hons), Università ta' Malta, 2002, N. Debattista Briffa, 'Aristide Bonnici (1851-1888): Discoveries and Clarifications', f'*Treasures of Malta* No.51, Summer 2011.

11 Wara Aristide kienu twieldu; Adelaide (9.10.1853 - 15.10.1856), Caliope (3.11.1854 - 13.11.1854), Alodia (20.1.1856 - 7.4.1856), Ismael (9.1.1857 - 15.6.1857), it-tewmin Joachim u Maria Carmela (9.7.1860 - 3.9.1860) u (9.7.1860 - 2.11.1860) rispettivament, u Melania (7.8.1862 - 28.7.1863); informazzjoni ġentilment mogħtija minn Fabian Mangion, 2015.

12 Informazzjoni ġentilment mogħtija minn Fabian Mangion, 2015.

13 *supra; L'Arte* No. 67, p. 4.

14 E. L. Cornwell, *An Illustrated History of Ships*, New English Library, 1979.



L-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju li Bonnici ħadem għall-knisja tal-Lunzjata fil-Birgu



L-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu, oriġinarjament Madonna tad-Duttrina, li Bonnici ħadem għall-parroċċa tal-Isla



Par anġli adoraturi minquxa fl-injam minn Vincenzo Bonnici għall-istatwa tas-Salib Imqaddes fil-parroċċa ta' Bormla



l-Ammirjaljat Ingliż ikkonfiska s-sit taħt is-swar tal-Isla u kkonvertihom f'tarzni navali. B'mod partikolari l-Isla kienet il-fulkru ta' din l-industrija u kienet tilqa' fiha ammonti kbar ta' ħaddiema f'dan il-qasam. Fil-fatt, kien hemm bosta tarzni li kienu proprjetà ta' familji mill-Isla. Insemmu personalitajiet bħal Gregorio Mirabitur, Pascal Grech u Salvatore German li kkontribwew qatigħ fit-tħaddim tal-ekonomija f'dan il-qasam marittimu.[15]

Huwa dokumentat li anke Vincenzo Bonnici gawda minn din l-industrija tal-bini tal-bastimenti. Jingħad li hu kien ikkommissjonat madwar mija u ħamsin pulena u xogħlijiet oħra ta' skultura fuq dawn l-opri tal-baħar. Ħadem mhux biss għas-sidien ta' bastimenti merkantili imma għamel xogħlijiet fuq brigatini, skejjen u xprunari ta' daqs kbir.[16] Sfortunatament s'issa għadu ma feġġ l-ebda dokument li jiddeskrivi x-xejra ta' dawn il-puleni jew evalwazzjoni teknika ta' dawn ix-xogħlijiet. Madankollu, l-ammont vast ta' dawn il-kummissjonijiet jindika fiċ-ċar li x-xogħlijiet ta' Vincenzo Bonnici kienu jintgħoġbu ġmielhom u li dan l-iskultur kien għamel isem sew f'dan il-qasam.

Il-Professur Nicola Żammit (1815-1899), kritiku tal-arti u filosfu, isostni li Vincenzo Bonnici kien għamel diversi xogħlijiet ta' skultura għall-bastiment 'Malta' li bena Gregorio Mirabitur fit-tarzna tiegħu, ikkommissjonat min-negozjant Antonio Galea.[17] Il-'Malta' kien magħruf bħala l-isbaħ u l-ikbar bastiment li nbena f'pajjiżna. Kien twil 217x37x24 pied, mogħni bi tliet arbli tal-qlugħ u jiżen 1108 tunnellata u kien varat fl-1864.[18] Għalkemm mhux magħruf x'kienet eżattament il-kontribuzzjoni ta' Bonnici fuq dan il-bastiment, kemm hu kif ukoll Mirabitur kienu mfaħħra qatigħ fuq ix-xogħol li żvolġew.

Episodju ieħor li jindika l-ħidma ta' Vincenzo Bonnici fl-industrija navali jixhed li l-istess Bonnici ġieli sofra xi disgwid ma' min kien iħaddmu. Fl-1863, Bonnici tella' lir-rappreżentanti tad-ditta 'German e figli' fil-Qorti tal-Kummerċ sabiex jingħata l-ħlas ta' £20 għall-pulena li hu kien ħadem għall-bastiment tal-aħwa German u li kien inbiegħ.[19] Sfortunatament it-talba tiegħu ma ġietx milqugħa u din il-pulena ntilfet għal dejjem. Għalkemm Vincenzo Bonnici kellu l-bidu tal-karriera tiegħu iżjed bħala artiġjan, dan ma jneħħix mill-mertu tekniku tiegħu. Kien hemm artisti oħra, bħas-Senglean Salvatore Saliba, li wkoll kiseb il-bidu tal-karriera artistika tiegħu mill-istabbilment ta' Pascal Grech.[20]

Għalkemm ma teżisti l-ebda dokumentazzjoni dwar l-apparenza ta' dawn il-puleni, l-istorja nnifisha tista' tagħtina xi ndikazzjonijiet. Wara l-1800, il-puleni ma baqgħux jinħadmu f'għamla li tbeżża'. Lanqas ma kellhom iżjed irbit superstizzjużi, imma nbidlu f'xejra iżjed romantika. Is-sidien tal-bastimenti bdew jadattaw puleni b'konnessjonijiet mal-kunjom tal-familja u mal-isem tal-bastimenti.[21] Fil-fatt jingħad li Gregorio Maribitur kien ikkommissjona pulena għal wieħed mill-bastimenti tiegħu u din tant għoġbitu li qatt ma ġiet ingastata mal-opra tal-baħar imma baqgħet apprezzata fl-uffiċċju tiegħu f'57, Triq San Pietru u San Pawl fl-Isla wara li nġarret mill-uffiċċju ta'qabel f'numru 3, Triq il-Kurċifiss fl-istess lokalità.[22] Dan kollu jixhed li dawn il-puleni kienu jitgawdew bħala xogħlijiet preġjati u saħansitra tpoġġew bħala dekorazzjoni f'postijiet prominenti.

## XOGĦOL SAGRU FIL-KOTTONERA

Bħala xogħlijiet reliġjużi ta' Vincenzo Bonnici ftit waslu sa żmienna. Matul ħajtu dawn l-istatwi kienu jitqiesu bħala espressjoni tal-kobor tal-fidi Nisranija.[23] Ħadem b'vena Nazzarena li tagħti lix-xogħlijiet reliġjużi xejra ta' ġabra u riflessjoni. Ta' għoxrin sena, fl-1841, Bonnici ħadem l-istatwa fl-injam tal-'Madonna tad-Duttrina' għall-Kolleġġjata tal-Isla.[24] Dan ix-xogħol sar taħt id-direzzjoni ta' artist Senglean ieħor, Tommaso Madiona[25](1803-1864).[26] Maż-żmien

15 *supra;* f'*Il-Mument*, 7 ta' Frar, 1999.
16 *ibid;*
17 J. R. Gatt, "Vincenzo Bonnici (1821-1865) Skultur Senglean," f'*Soċjetà Filarmonika San Ġorġ Bormla*, Festa ta' Marija Immakulata, 1998.
18 Dr. N. Żammit, 'Gregorio Mirabitur, architetto navale,' *L'Arte* I/26.
19 *supra;* J. R. Gatt.

20 *supra; Il-Mument*, 7 ta' Frar, 1999. Salvatore Saliba ħadem 2 mudelli ta' *Torpedo Cruise* u *First Class Man of War* li nbagħtu Londra għal *Colonial and Indian Exhibition* u kiseb *honorable mention*. Sfortunatament dawn il-mudelli saret ħsara fuqhom u ntbagħtu lura u sar restawr fuqhom fi *New English Library* ta' P.P. Giocovich, 178, Triq il-Merkanti.
21 *ibid;*
22 *ibid;*
23 *supra; l'Arte* No. 67.
24 A. Ferres, *Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo*, Malta 1866, pp. 249-250.
25 *ibid;* Robert Mifsud Bonnici, *Dizzjunarju Bijo-Bibljografiku Nazzjonali*, Malta 1960, p.45, J. R. Gatt; "Vincenzo Bonnici (1821-1865) Skultur Senglean," f'*Soċjetà Filarmonika San Ġorġ Bormla*, Festa ta' Marija Immakulata, 1998, p. 174.
26 Tommaso Madiona kien pittur u mużiċist imfittex ħafna fi żmienu. Studja l-Università ta' Malta u ntbagħat jistudja Ruma fl-*Accademia delle Belle Arte* fejn studja d-disinn taħt il-professuri Tommaso Minardi u Johann F. Overbeck. Lura Malta huwa kien ġie kkummissjonat biex ipitter il-kwadru titulari ta' Marija Bambina fil-Kolleġġjata tal-Isla, li hu meqjus bħala kapolavur.



din l-istatwa ġiet mibdula fl-'Istatwa tal-Madonna tal-Karmnu'. Għal dan il-għan sarulha xi tibdiliet probabbilment imwettqa minn iben l-iskultur, Aristide.[27] Ġie miżjud il-Bambin magħmul mill-kartapesta mill-iskultur popolari Karlu Darmanin (1825-1909). Għall-bidu l-'Istatwa tal-Madonna tal-Karmnu' kienet tintuża ta' kull sena fis-16 ta' Lulju f'purċissjoni fejn il-parroċċa tal-Isla tiċċelebra l-festa tal-Karmnu. Illum il-ġurnata din l-istatwa m'għadhiex tintuża għall-purċissjonijiet imma tinżamm f'niċċa fis-sagristija ż-żgħira tal-Bażilika tal-Isla u tiġi esposta għall-venerazzjoni fil-ġranet ta' din iċ-ċelebrazzjoni.

Fl-1845 Vincenzo Bonnici ġie kkommissjonat żewġ kerubini għarkupptejhom mill-Konfraternità tal-Kurċifiss ta' Bormla għar-rappreżentazzjoni tal-Adorazzjoni tas-Salib, magħrufa aħjar bħala 'Ta' Santu Kruċ'.[28] Iċ-ċelebrazzjoni tas-Sejba tas-Salib ta' Kristu kienet isseħħ fit-3 ta' Mejju.[29] Dawn il-kerubini li jirrappreżentaw l-Innoċenza u l-Fidi, tħallsu 533 skudi mill-Bormliż Carmelo Azzoppardi, membru ta' l-istess fratellanza.[30] Fl-1858, dawn iż-żewġ statwi skolpiti fl-injam, tlestew[31] u ġew esibiti fil-Biblijoteka tal-Belt Valletta.[32] Kienu mfaħħra bil-kbir għall-irfinar fil-manifattura tagħhom, b'mod partikolari fil-ħlewwa tal-uċuh u fid-delikatezza tal-idejn.[33]

Dawn iż-żewġ anġli kienu għamlu żmien wara l-gwerra jintramaw fis-Sepulkru matul il-Ġimgħa l-Kbira. Maż-żmien ġie deċiż li jinbidel is-salib oriġinali li kien jakkumpanja dawn iż-żewġ anġli. Id-disinn tas-salib il-ġdid tal-ebanu li nbidel fl-1882, kien propju kreazzjoni ta'Aristide Bonnici, bin Vincenzo, u nħadem mir-Rabti Mastru Paolo Bugeja.[34] Dan is-salib sewa 960 skudi li tħallsu mill-fondi miġbura mill-prokuratur Dun Enrico Grech.[35] Id-disinn fuq iż-żewġ naħat tas-salib jixhed repetizzjoni ta' għeneb u weraq tad-dielja li jidħlu f'xulxin u joħolqu disinn irfinut maħdum b'sengħa kbira.

27 *supra;* J. Gatt.
28 J. Bonello, "Il-Qima lejn is-Salib Imqaddes f'Bormla", fil-*Programm tal-Festi tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Belt ta'Bormla*", 200, p. 317.
29 C. Galea Scannura; "The Confraternity of the Crucifix" f'*Heritage*, Vol 3, no. 45, p. 890-3.
30 Arkivji Parrokkjali Bormla; *Memorandum Ven. Oratorii, Confraternita' Santissimo Crocefisso della Collegiata di Cospicua*. p. 246. *supra;* N. Briffa.
31 *supra;* P. P. Castagna.
32 *L'Arte*, Vol I, 22-11-1862, p. 6.
33 *ibid;*
34 *supra;* N. Briffa.
35 *ibid;*

**Par anġli imtajjrin, minquxa minn Vincenzo Bonnici, li jżommu l-mant li taħtu tintrama l-istatwa tal-Immakulata Kunċizzjoni fil-parroċċa ta' Bormla**





Fl-1859, Vincenzo Bonnici laħaq mgħallem tad-disinn fl-iskola Primarja tal-Isla u baqa' f'dan l-impjieg sakemm miet. Kellu salarju ta' £25 fis-sena u eventwalment tela' għal £30.[36] Wara mewtu nħatar floku l-pittur Giuseppe Calleja (1828-1915) b'effett mill-1 ta' Settembru 1865.[37] B'mod kurjuż Aristide Bonnici ukoll serva ta' għalliem tad-disinn mill-1885 sa mewtu fi skola teknika li kienet estensjoni mal-iskola Primarja ta' Bormla.[38]

Fl-1862, Vincezo Bonnici ħadem fl-injam żewġ anġli pendenti oħra għall-Kolleġġjata tal-Immakulata Kunċizzjoni f'Bormla.[39] Dawn l-anġli nħadmu biex iżommu l-pavaljun il-kbir li taħtu ta' kull sena titqiegħed il-vara tal-Kunċizzjoni fil-jiem tal-festa. F'Novembru tal-1862, dawn iż-żewġ anġli ta' daqs naturali ġew esibiti fil-Biblijoteka Nazzjonali. Bonnici tfaħħar għall-abbiltà tiegħu fejn irnexxielu jegħleb ir-riġidità tal-injam u joħloq figuri ħfief li jagħtu impressjoni li qed jittajru.[40] Għal dawn l-istatwi, li ġew deskritti bħala 'opri delikati mogħnija bid-dinjità', Bonnici kiseb it-titlu ta' 'nuovo saggio dell'arte'.[41] Fl-1993 dawn iż-żewġ anġli ġew restawrati minn Michael Camilleri Cauchi u ngħataw lura l-vivaċità fil-polikromatika tagħhom.

L-istoriku Pietru Pawl Castagna (1827-1907), jagħti ndikazzjoni oħra li fl-1862, Vincenzo Bonnici kien ħadem statwa fl-injam tal-'Madonna tal-Pentitenza' għall-Knisja ta' San Ġiljan fl-Isla.[42] Sfortunatament din l-istatwa m'għadhiex tinstab f'din il-knisja u ma hemm l-ebda ċertezza fejn setgħet ittieħdet.

Sentejn wara, fl-1864, Bonnici skolpixxa fl-injam l-istatwa tal-'Madonna tar-Rużarju' għall-Knisja tal-Lunzjata tal-Patrijiet Dumnikani fil-Birgu. Bonnici kien ikkommissjonat din l-istatwa mill-Konfraternità tar-Rużarju. Għal dan ix-xogħol tħallas 480 skudi.[43] Din l-istatwa ġiet esibita fl-Esibizzjoni Industrijali tal-1864. Għall-mertu ta' dan ix-xogħol, Bonnici ngħata medalja tad-deheb li kienet tindika l-prestiġju tal-ewwel premju.[44] Oriġinarjament din l-istatwa tqiegħdet f'niċċa fil-Kappella tar-Rużarju tal-istess knisja. L-'Istatwa tal-Madonna tar-Rużarju' intużat l-ewwel darba għall-purċissjoni fit-2 t'Ottubru tal-1864.[45] Din l-istatwa ġiet salvata mill-bumbardament qawwi li sofriet din il-knisja fi żmien il-gwerra u għadha sal-lum esposta f'niċċa viċin l-entratura prinċipali tal-knisja l-ġdida.[46]

Lejn l-aħħar ta' ħajtu, bejn l-1863 u l-1864, għall-Knisja parrokkjali tal-Isla, Vincenzo Bonnici għamel id-disinn tal-ventartal għall-artal il-maġġur li nħadem bil-fidda mill-aħwa Busuttil.[47] Dan il-ventartal tħallas mill-kontribuzzjoni tal-poplu Senglean.[48] Eventwalment, fl-1921, dan tneħħa biex saret it-tribuna fuq disinn ta' Andrea Vassallo. Skont Pietru Pawl Castagna[49] Bonnici kien ħażżeż disinji oħra ta' natura ekkleżjastika li sfortunatament intilfu maż-żmien. Għall-Bażilika tal-Isla, fl-1851 l-istess Bonnici ħadem u ndura l-gwarniċ tal-kwadru titular tal-Bambina li, fiż-żmien meta nħadem, kien fuq l-altar tal-kor.[50]

Vincenzo Bonnici miet fid-dar tiegħu fl-Isla fit-12 t'Awwissu ta' l-1865 fl-età ta' erbgħa u erbgħin sena.[51] Hu ndifen fil-kannierja fil-knisja tal-Vitorja fl-Isla. Huwa dokumentat li fl-aħħar xhur ta' ħajtu Bonnici sofra alterazzjoni mentali li wasslitu sa mewtu f'qasir il-għomor.[52] Id-destin ried li ibnu Aristide miet ukoll ta' età żgħira fit-8 ta' Frar 1888 meta kellu biss sebgħa u tletin sena.[53]

L-Isla saret omm ta' għadd sostanzjali ta' artisti validi tul iż-żminijiet. Għalkemm xi wħud m'humiex miktuba mal-iżjed artisti li għamlu impatt fuq l-arti ta' pajjiżna, xorta taw kontribut importanti fil-lokalità tagħhom u għal dan il-għan għandhom jiġu mfakkra u mogħtija l-ġieħ li jistħoqqilhom.

36 *supra;* J. Gatt.
37 *ibid;*
38 E. Fiorentino, *The School of Tommaso Minardi as reflected in 19th century Paintings in the Maltese Islands*, unpublished M.Phil. Thesis, University of Malta, 1998.
39 *supra;* P. P. Castagna.
40 *supra; L'Arte* Vol I, 1862, p. 6.
41 *ibid;*
42 P. P. Castagna, *L-Istoria ta' Malta bil-gzejer tahha*, 2ed., 1890, 3 parti, p. 07. Isemmiha ukoll *supra;* Ivo Muscat Azzopardi.
43 Arkivji Dumnikani Birgu, *Libro Esigenziale di Esito apparente alla Veneranda Confraternita del SS.mo Rosario della Citta' Vittoriosa, dal 1863*, f.26; L. Bugeja, M. Buhagiar, S. Fiorini eds., *Birgu a Maltese Maritime City*, Vol II, Malta, 1993, p. 687.
44 *supra;* A.Ferris, p. 289.
45 C. S. Vassallo, *Il Giornale*, 2-10-1864.
46 L. Bugeja, 'Artistic legacy of the Dominicans in Vittoriosa,' *The Sunday Times of Malta*, 26-08-2012.
47 *supra;* A. Ferris, p.250.
48 V. Bugeja, *Li Storia tal-Bambina*, p. 39.
49 *supra;* P. P. Castagna.
50 *supra;* J. Gatt.
51 Arkivji Parrokkjali tal-Isla, *Liber Defunctorum*, Vol. VIII, p. 80; Reġistri Pubbliċi Valletta, *Deaths*, 3350/65; *supra;* A. Bonnici p. 112.
52 *supra; L'Arte*, No. 67.
53 Arkivji Parrokkjali tal-Isla, *Liber Defunctorum*, Vol. IX, p. 253v.